A.L. 104 ta' l-1988

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċellerat ta' l-Arti fl-Istudji Reliġjużi (B.A. (Rel. Stud.))

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Pro-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għall-Grad ta' Baċellerat ta' l-Arti fl-Istudji Reliġjużi (B.A. (Rel. Stud.)) u għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew fi jew wara l-1983.

1. Programm ta' l-Istudji

1.1 Il-kors ta' l-Istudji għall-Grad ta' B.A. fl-Istudji Reliġjużi jieħu normalment iż-żmien ta' ħames snin akkademiċi, jew għaxar semestri ta' bejn wieħed u ieħor 14-il ġimgħa kull wieħed. Il-Bord iżda jista' jqassar dan iż-żmien għal dawk l-istudenti li kienu għamlu xi partijiet eqwivalenti tal-kors f'xi Fakultà oħra, bil-kundizzjoni li l-kandidat ma jiġix eżentat minn iktar minn terz tal-għadd ta' *credits* meħtieġa għall-ammissjoni għall-eżami finali. Dawk l-istudenti li attendew korsijiet fil-Fakultà tat-Teoloġija jistgħu, f'każijiet speċjali, japplikaw għall-grad ta' B.A. mill-Istitut, li jikkunsidra kull każ skond il-merti tiegħu, waqt li l-Bord ikun jista' jesiġi li l-istudent jissottometti ruħu għal xi *tests* skond kif l-istess Bord ikun jitlob.

1.2 Il-programm sħiħ ta' l-istudji għandu jikkonsisti f'numru ta' *study-units* jew korsijiet li għal kull wieħed minnhom jiġi akkreditat *credit* wieħed jew aktar (*credit* wieħed jikkorrispondi għal *lecture* fil-ġimgħa għal semestru wieħed). Sillabu jew katalgu li juri l-korsijiet jew *study-units* li l-Istitut joffri u approvati mill-Board għandu jiġi pubblikat qabel il-bidu ta' kors ġdid għall-Grad ta' B.A., b'riżerva tad-dritt tal-Board li joffri korsijiet oħra fuq bażi ozzjonali.

1.3 Il-programm sħiħ ta' l-istudji meħtieġ għall-grad tal-Baċellerat iħaddan korsijiet ekwivalenti għal 64 *credits* u mqassma hekk:

(i) 24 *credits*: korsijiet bażiċi fit-Teoloġija u l-Filosofija;

(ii) 12 *credits*: korsijiet iktar avanzati fit-Teoloġija;

(iii) 9 *credits*: korsijiet iktar avanzati fil-Filosofija;

(iv) 15 *credits*: fi *special area* jew *option* bħal dawn li ġejjin:

(a) Reliġjon u Edukazzjoni

(b) Reliġjon u Soċjetà

(ċ) Xi qasam ieħor ta' studji li jista' jiġi magħżul mill-Bord minn żmien għal żmien u inkluż fis-Sillabu għal dak il-perijodu ta' żmien.

(v) 4 *credits*: *Seminars*.

L-għażla ta' li special area u tas-*Seminars* għandha ssir minn kull kandidat qabel il-bidu tat-tielet Semestru u wara konsultazzjoni mad-Direttur jew mad-Delegat tiegħu.

2. Eżamijiet

2.1 Isir eżami (jew xi mod ieħor ta' *assessment* skond ma jkun indikat fis-sillabu għal kull *study-unit*) malli jintemm xi *study-unit*. Dawk biss li jkollhom suċċess f'dan l-eżami jiġu akkreditati bil-*credits* assenjati għal dak il-*unit*. L-eżaminatur jassenja marka minn massimu ta' 100, b'50 bħala minimu.

2.2 Ikun hemm Eżami Finali bil-miktub fi tmiem il-kors kollu, li jikkonsisti fi tlett karti ta' tlett siegħat il-waħda: waħda fit-Teoloġija, waħda fil-Filosofija, u waħda fl-*area* speċjali li tkun magħżula. Id-Direttur jipprepara lista ta' *topics* li jiġbru l-materja li minnha joħorġu l-mistoqsijiet għal dan l-Eżami Finali; din il-lista, li tkun approvata mill-Bord, tiġi magħrufa lill-istudenti għall-anqas sitt xhur qabel id-data ta' l-eżami.

2.3 Dawk il-kandidati li jeħlu minn xi eżami jistgħu jerġgħu jagħmluh f'sessjoni oħra fi żmien sitt xhur. Dawk li jkunu weħlu f'karta waħda jew tnejn fl-Eżami Finali, jkunu obbligati jerġgħu jagħmlu biss il-karta jew karti li fihom ikunu weħlu. Dawk li ma setgħux jagħmlu xi eżami minħabba xi raġuni li ma taqax taħt il-kontroll tagħhom jistgħu jitħallew jerġgħu jagħmluh f'Sessjoni Speċjali.

2.4 F'kull ħaġa oħra li tirrigwarda l-eżamijiet, dak li hu pprovdut għall-Fakultà tat-Teoloġija japplika wkoll għall-Istitut.

2.5 *Dissertation (Long Essay)* ta' madwar 5,000 kelma għandha tingħata lill-Amministrazzjoni ta' l-Istitut għall-anqas xahar qabel l-Eżami Finali. It-*topic* tad-*Dissertation,* magħżul mill-kandidat b'konsultazzjoni mad-Direttur, għandu jiġi sottomess għall-approvazzjoni tal-Bord qabel it-tmiem tar-raba' sena. Għal kull Dissertazzjoni jiġi assenjat Moderatur mill-Bord. Erba' kopji tad-dissertazzjoni, ittajpjata skond l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-Amministrazzjoni, għandhom jiġu konsenjati lid-Direttur fiż-żmien indikat. Min jittardja fil-konsenja ta' dawn il-kopji jista' jitneħħilu l-jedd li jagħmel l-Eżamijiet Finali.

3. Gradi u Diplomi

3.1 l-*Assessment* komprensiv tal-kandidat għall-B.A. (Rel. Stud.) jinkludi r-riżultati tiegħu fl-eżamijiet ta' kull Semestru (64%), fl-Eżami Finali (25%) u fid-Dissertazzjoni (11%).

3.2 Lista tal-kandidati li temmew kollox b'suċċess tiġi ppubblikata skond dawn il-Gradi: *First Class* (85% u iktar), *Second Class* (75% u iktar), *Third Class* (65% u iktar), *Pass* (50% u iktar).

4. Interpretazzjoni

4.1 Fil-kontest ta' dawn ir-regolamenti:

"Istitut" ifisser l-Istitut ta' Studji Reliġjużi mwaqqaf fi ħdan il-Fakultà tat-Teoloġija u għandu s-sede tiegħu fl-Istitut Katoliku, il-Furjana; "Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut; "Direttur" ifisser id-Direttur ta' l-Istitut; "Amministrazzjoni" tfisser l-Amministrazzjoni ta' l-istitut.